## L-esperjenza tas-servizz liturġiku fil-Bażilika ta' San Pietru fis-sena tal-Ġublew 2025



Din il-ġimgħa ġiet fi tmiemha l-esperjenza ta' servizz liturġiku fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan għall-abbatini Għawdxin. L-abbatini fosthom Craig Borg kellhom l-isfida li jqumu fil-5.30am biex fis-6.30am ikunu lesti biex jgħinu fil-quddies li jsir fil-Bażilika u fil-kripta ħdejn il-qabar ta' Pietru. Din is-sena ġubilari Ruma qed tilqa' eluf ta' pellegrini ġejjin minn kull rokna tad-dinja, għalhekk l-impenn għall-abbatini kien akbar. L-orarju tal-quddies kien jibqa' għaddej sa nofsinhar u jkompli filgħaxija. Il-Ħadd kellhom ix-xorti jgħinu l-Konċelebrazzjoni solenni fuq l-Altare della Confessione, eżatt fuq il-qabar ta' Pietru, u fil-jiem ta' qabel żaru l-Bażilika ta' San Pawl u Santa Maria Maggiore.

L-Erbgħa mbagħad ipparteċipaw għall-katekeżi fl-Udjenza Ġenerali li fi tmiemha kważi b'sorpiża ġew mistiedna





jersqu 'l quddiem biex isellmu lil Papa Ljun li għadda jkellimhom, ferħilhom u stagħġeb li huma kollha minn Għawdex u xħin semmejnielu l-ħtieġa ta' aktar vokazzjonijiet saċerdotali qalilhom: *"it's a wonderful life to be priests. I'll pray for you… but we need missionaries too: missionaries from Gozo to the world"*. Sabiħa li l-Papa jaf bina u bil-qalb kbira li għandna għall-missjonijiet. Jalla ż-żgħażagħ tagħna jirnexxilhom jiskopru s-sbuħija tal-ħajja saċerdotali u jgħixu ħajjithom f'missjoni li twassal l-imħabba ta' Alla lejn kulħadd.

*L-Arċipriet Dun Krystof*

**AVVIŻI:**

Nhar l-Erbgħa 20 ta' Awwissu, fil-Knisja Bażilika ser issir **laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**. Il-laqgħa ser titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u li fiha l-Kappillan Dun Anton Refalo (Munxar) ser ikellimna fuq il-konoxxenza ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6.15pm. Qed issir stedina speċjali għalikom ilkoll biex nattendu għal dawn il-laqgħat ta' spiritwalità ispirati minn wieħed kumpajżan tagħna stess. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

Nhar il-Ħamis 21 ta' Awwissu se ssir **quddiesa fil-beraħ**. Il-programm jibda bit-talba tar-rużarju u fit-8.00pm tibda l-quddiesa fi Triq it-Tramuntana quddiem il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Reġina. Waqt il-quddiesa tinġabar ferta għall-ispejjeż. Tingħata tifkira tal-okkażjoni.

**Ġabra ta' lewż morr għall-karità:** Dis-sena wkoll se jinġabar għal min jogħġbu. Wara li jinġieb, diversi voluntiera jqaxxruh, ikissruh, jagħżluh u jsir trasport għall-bejgħ Malta. Id-dħul għall-missjoni. Is-sena l-oħra kien hemm offerta ta' €560. Ġieli kien hemm iktar. Grazzi.

Infakkru lill-**għarajjes, li jixtiequ jiżżewġu biż-Żwieġ Sagrament**, li għandhom jibdew il-mixja ta' laqgħat ta' tħejjija minn tal-inqas sentejn qabel il-ġurnata tat-tieġ tagħhom. L-applikazzjonijiet għall-Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani jinkisbu mingħand l-Arċipriet jew mill-uffiċċju parrokkjali bejn Awwissu u Settembru.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am